# 1.

Ħallejtna bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa, pops.

Mingħajr il-bżonn ta' wisq spjegazzjoni jew lectures twal.

Kos, għall-ewwel darba dakinhar ta' mewtek fhimtha eżatt din l-idjoma.

Fi tfuliti Miss Callus, għalliema tal-primarja, xebba, verġni f'kull sens — le pops, naf, mhux bilfors verġni għax xebba — bla dnubiet imqar wieħed venjal, u membru tal-Azzjoni Kattolika u fi żmienna bil-badge tal-kastità, dejjem kienet tmaqdarli l-idjomi li kont inħobb nuża fil-kitbiet u l-komponimenti tiegħi.

Għax skont hi — kemm ma kontx inġerragħha miskina! — qatt ma kienu jkunu f'posthom dawn l-istrina bandiera idjomi. Kienet tgħidli li għalkemm nipprova nimpressjonaha assolutament ma jirnexxilix. Ara min ried jimpressjona kukkudrill minfuħ bih innifsu dik il-kwalità. Niftakar iż-żmien meta kont naqra *Idjomi Maltin* ta' Patri Karm Fenech

qabel norqod tant kemm kont inħobbhom. Kienu jaffaxxinawni imma bosta drabi milli jidher ma kontx naf inħaddimhom kif jixraq, jew tal-inqas kif kienet tistenna s-Sinjorina Callus tal-Azzjoni, kif fir-raħal kienet magħrufa. Kull ġenitur u kull student ta' dik il-ħabta kellu storja x'jirrakkonta dwarha. Aktarx kienet maħbuba mill-kbar u mibgħuda minna ż-żgħar!

Kemm kienet ħadra, pops.

U mhux miegħi biss.

Il-gost tagħha kien li ssib l-iżbalji waqt li torbot idejha u tħarislek minn taħt in-nuċċali, sodisfatta li tista' twaqqgħek għaż-żuffjett quddiem klassi tfal li nofshom kienu jkunu ġirien jew joqogħdu fil-ħara tiegħek. Kont nimmaġinahom imorru d-dar u jgħidu lil ommhom u lil missierhom li Sergio ta' Ġemma llum dabbarha mingħand is-saħħara l-kerha!

Kieku tista' kienet titfgħek it-taraġ għal isfel. Basta tarak miknus u mimli tbenġil.

U hekk qed inħossni issa, miknus u mbenġel. Issa li inti m'intix iktar.

Qisu minn fuqi għadda romblu goff minn dawk tal-Caterpillar.

Malajr fhimtha l-idjoma. Ma kellix bżonn lil Miss Callus u lil ilsienha ħażin impustat jaqta' iktar minn xafra tal-leħja li int tant kont tiddeletta biha.

Fhimtha u għextha mill-qrib.

Imma l-ħajja mhix eżerċizzju tal-grammatika kor-

rett, tgħid *x*'tgħid Miss Callus. Il-ħajja realtà — u *xi* drabi waħda kiefra. Waħda li tniżżlek fl-imrar li minnu mhux dejjem faċli tirkupra.

Kollox sew, int kont marid u l-professur, minkejja li għażilna wieħed mustaċċun bi studji *xjentifiċi* u akkademiċi (skużani pops ftit tqila għalik dil-kelma, *xi* darba noqgħod nispjegalek — jekk ikun hemm *xi* darba fejn nerġa' narak) f'John Hopkins, u b'kontributi ta' ħila fil-*British Medical Journal*, il-*JAMA*, l-*American Journal of Medicine* u l-*Journal of Clinical Oncology* fost l-oħrajn, kien ilu li qata' qalbu minnek.

L-interess malajr inbidel f'diżinteress. F'ħakka t'għajn.

Sempliċement kien jistenniek li ssalpa u titlaq għal dejjem mil-lista tal-pazjenti tiegħu. Li titlaq bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa.

Arkett daħħaltha, Miss Callus, l-idjoma. Tgħid *x*'tgħid!

Il-professur, b'erba' linji ta' gradwazzjonijiet u nejk u pożi, ma rakx kandidat tajjeb biżżejjed għall-fejqan. Aktarx rak diżunur fil-karriera pjuttost twila tiegħu ta' suċċessi li kellu fuq spalltu. Imma l-esperjenza li kellu, għalik ma ssarrfet f'xejn. Seta' kien skarpan jew wieħed għadu jibda l-karriera. Għalik l-esperjenza li kellu ma swietx karlin. Għax lilek ma fejqekx.

Għax hu kellu l-fama li kien jirxoxta l-mejtin kieku. Li dejjem kellu ċ-ċavetta lesta fil-komma

għall-fejqan. Li dejjem kellu d-duwa tal-Madalena li tfejqek u treġġgħek lura għal li kont. Tal-inqas, idjota bħali li ma jifhimx fil-mediċina dik l-impressjoni kien jieħu wara li jaqra u jqalleb fis-sit tiegħu.

Imma tgħid l-entużjażmu li tfiq ġera bija?

Tgħid insejna alternattivi ta' fejqan oħrajn?

Ippreferejna l-professur flok ħadniek Lourdes tinħasel fl-ilma tal-grotta tant magħrufa mad-dinja kollha. Forsi żbaljajna li ma emminniex biżżejjed li forzi ikbar minnek u aljeni minna setgħu jfejquk? Imma forsi aħna nies ta' fidi żgħira u ma rajniex qabża sa Lourdes is-soluzzjoni tal-gwaj li kien qed jifnina. Lilek mod u lili mod.

Ma nafx, forsi inti xtaqtha din il-qabża sa Lourdes. Lanqas saqsejniek fuq kollox jekk xtaqthiex. Tant kemm konna ċerti li idejn il-professur kienu se jkunu aħjar mill-grotta ta' Lourdes.

Lill-prof. konna ilna nsegwuh fuq it-televixin. Kliemu impressjonana. Emminna li kien raġel tal-affari tiegħu u li kellu soluzzjoni għal kollox. Speċi ta' saħħar, jekk trid.

Emminna li seta' jifdik minn dit-tbatija bla bżonn li kellek tgħaddi minnha.

Emminna li seta' jfejqek.

Emminna li l-ittri twal ta' wara ismu kienu l-prova li lilek se nerġgħu ngawduk. Li se terġa' tkun il-pops ta' dari.

Li ma kontx se tibqa' moribond. Li kont se tqum mis-sodda u terġa' tibda mill-bidu.

Tibda bil-mod il-ħajja ta' mfejjaq.

Ma konniex mgħaġġlin biex tfiq. Ma stennejniex li dan kollu kont se tagħmlu fi ftit jiem wara li hu jkun rak.

Fhimna li l-kura tieħu x-xhur jekk mhux is-snin.

Imma ...

Minflok ...

Ħallejtna bħall-Erbgħa fost il-ġimgħa.

Arralna. Il-pjan li konna fassalna f'moħħna tgħarraq.

Fallejna għalkollox.

Il-previżjonijiet tagħna kienu kollha żbaljati.

Waħda waħda.

Ma kellniex argument wieħed biss imqar wieħed bażwi biex nirribattu lill-mewt.

Wara kollox, aħna min aħna?

Aħna ċwieċ.

Injoranti.

Darba xi ħadd qal aħna t-tfal ta' Żeża tal-Flagship. Kollu minnu. Dik l-istorja tagħna.

Ma kellniex erba' linji ta' gradwazzjonijiet bħall-professur.

Kellna biss ħolma.

Kellna biss xewqa.

Kellna biss tama li narawk tfiq.

Imma konna żbaljati.

Żbaljati għalkollox.

Imma qaluha tant li l-aħħar li tmut it-tama. Għaliex aħna ma kellniex jedd nittamaw li għalik

hemm futur sabiħ?

Għadni niftakar ċar meta konna sejrin għandu fil-klinika tiegħu.

Inti marid u, aħfirli ngħidha, kampjun ta' bniedem mejjet-ħaj imma xorta qaxxart il-leħja. Ma nafx fejn ġiek l-aptit għal dik l-intrapriża. Jien ma kienx ikolli kieku. Imma jien lanqas meta m'għandi xejn ma jkolli aptit inqaxxar il-leħja.

Imma lilek inzertajt li nafek u naf li ridt tibgħat messaġġ. Ridt tidher pulit għall-appuntament. Minn dejjem hekk kont. Kuntrarju għalija. Li s-salvaġiżmu tiegħi għad irid jinħoloq wieħed bħalu. Ridt tidher fl-aqwa tiegħek għal dak l-appuntament. L-appuntament mad-destin.

Kollox għadni niftakar x'ġara dakinhar.

Ilbist qmis pulita bil-kmiem twal, dik li konna tajniek f'xi birthday reċenti, u ġakketta fuqha u rħejnielha għall-klinika tal-professur f'tarf is-Siġġiewi mimlijin bit-tama li se tfiq.

Imma milli jidher it-tama kienet fiergħa.

Kienet fil-vojt.

Kienet għalxejn.

Ta' xejn.

Miljun darba dakinhar matul il-jum dħalt fil-Google Maps biex inkun ċert fejn sejrin. Ma mmurx ma nsibx il-post u nitilfu l-appuntament li kellek u ntellfek għal dejjem il-fejqan.

Terġa' f'ħajti s-Siġġiewi ma mortx wisq drabi u allura ridt inkun ċert li naslu fil-port bla xkiel.

Stramba din. Tgħix f'pajjiż daqstant żgħir u xorta ċerti nħawi ma jkunux triqtek. Jew saħansitra ma tkun qatt mort lil hemm.

Fil-karozza tlabtni nixgħel ir-radju. Ma nafx x'tak. Normalment inti ssuq bla radju u allaħares tkun miegħek passiġġier u titħajjar tixegħlu r-radju. Is-soltu jdejjqek u tarah distrazzjoni. Ridt tisma' l-mużika, għedt.

U jien?

Ma qgħadtx inħaqqaqha miegħek. Ma staqsejtekx għaliex u kif qed iddawwar fehma li kienet tant kruċjali għalik. Ma kelli xejn x'nitlef.

Obdejtek.

Obdejtek mill-ewwel.

Għax ridt inferrħek. Imqar darba. Jien li f'għajnejk dejjem kont delużjoni. Ribell bla sens, kont tgħidli.

Ridt narak titbissem.

Ridt nikkonċentra fuq it-triq imma minn taħt l-ilsien donni bdejt narak tkompli mal-kanzunetti li kien qed jitfa' d-disc jockey. Ma niftakarx min kien id-DJ imma. Joe Cassar? Jista' jkun li Joe Cassar? Calypso kien?

Biex tgħaxxaqha, beda jitfa' diski ta' żmienek u forsi għalhekk kont ferħan. Forsi mhux ferħan — għax marid ma tkunx ferħan — imma donnok ġie min jgħidlek li minkejja kollox iva tista' tfiq u dan il-kapitlu jista' jingħalaq.

Imma minn din m'iniex ċert.

Jaf illużjoni.

Jaf il-moħħ irid jiftakrek ferħan fl-aħħar jiem ta' ħajtek.

Obdejtek l-importanti, le?

Kuntrarju għal dari meta kien hemm waqtiet fejn ma obdejtekx. Meta sfidajtek. U meta nqbadt kelli nistenna ċ-ċilizju mbagħad. Hemmhekk kont tinbidel. Kont issir iljun u jkolli nammetti wieħed feroċi. Kont turini min hu r-raġel tal-familja verament u f'kull familja raġel wieħed ikun hemm.

Bastiment b'żewġ kaptani ma jimxix, kienet tgħidilna Miss Callus.

B'riħet it-tama wasalna kalmi fil-klinika. Wasalna. Magħna kellna l-istorja tiegħek.

Għadni niftakar kien hemm biss koppja tamparek tistenna li tidħol għand il-professur. Min jaf għaliex kienu marru għandu? Min jaf x'mard kellhom fuqhom? Min jaf min minnhom kien marid? Min jaf kinux it-tnejn? Min jaf il-professur kellux l-aħbar li xtaqu? Min jaf min minnhom kien se jitlaq id-dinja l-oħra l-ewwel? U min kien se jispiċċa waħdu? Il-mara kellha rasha mkaħħla fi ktieb. Għadni niftakru, *Żmien l-Ispanjoli* ta' Ġużè Galea, u r-raġel kien iqalleb katalgu bi tfajliet juru stili ta' xagħar differenti u kultant iberraq lejn dawn l-uċuħ. Qisu ra xi fantażma jew ħa xi skandlu.

Sibna siġġu vojt, poġġejna u stennejna. Bla ma konna nafu li konna qed nistennew biss il-konferma tas-sentenza.

Is-sentenza tal-mewt.

Is-sentenza li ma kontx se tfiq.

Is-sentenza finali f'dad-dramm miktub minn awtur mingħajr il-kredenzjali ta' awtur.

Faħħruh tant dan il-professur. Għamel tant mirakli. Miegħek ħanżira dinja kellu jfalli?

Miegħek kellu jiżgarra?

Kif jista' jkun?

Tgħid ħa żball?

Jew forsi naf x'ġara. Kien għajjien meta nvistak.

X'nagħmlu, nerġgħu mmorru?

Tgħid kien xeba' jara pazjenti dakinhar? Nifhimha l-ġurnata tiegħu twila. Irid jibda mill-isptar. Jagħmel ir-rondi. Jara l-pazjenti li jżuruh fil-klinika tal-isptar. Ikun hemm ġranet fejn ikun fis-sala tal-operazzjonijiet inaddaf l-iġsma mill-mard qerriedi. U waranofsinhar dritt għall-klinika privata jiltaqa' man-nies. Mingħajr ma jsib ħin jittawwal 'il-familja.

Kulħadd imur għandu b'xewqa waħda. Dik li jfejqu. Mhux dak xogħlu wara kollox? Mhux dmiru l-fejqan? Il-fejqan li ma kienx se jiġi b'xejn.

Kien raġel miegħek. Kellmek bil-ħlewwa. Spjegalek x'għandek. Uriek fuq skeletru li kellu ħdejh. Kellmek rassenjat u inti hemm. Tisma'. Tisma' kull kelma li kien jgħid.

Kull pawsa.

Kull sekwenza.

Kull struttura.

Tinteressa ruħek f'li qed jgħid anki jekk ma kienx